Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-3 ta' Lulju 2023**

**Kaz. Nru. 3895/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Versus**

**Carlos Spiteri**
**(39491M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Carlos Spiteri**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 39491M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Jannar 2023, ghal habta tas-1.50am, gewwa 'Bayern Arena', Triq Villambrosa, Hamrun:

1. Bhala persuna responsabbli mill-istabbiliment maghruf bhala 'Bayern Arena', li jinsab fi Triq Villambrosa, Hamrun, halla persuna tibqa' fil-hanut fil-hinijiet li dan il-hanut ghandu jinzamm maghluq u/jew halla li jinghata xorb kemm bil-hlas jew bla hlas matul dawk il-hinijiet. Reg. 14 L.S.10.09;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzji bhala persuna li f'ismu ghandu il-licenzja tal-hanut ta' xorb maghruf bhgala 'Bayern Arena' daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fl-istess hanut minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. L.S. 10.09 Art 22;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' xorb maghruf bhala 'Bayern Arena' li jinsab fi Triq

Villambrosa, Hamru  zamm jew ippermetta li jinzamm l-imsemmi haunt miftuh wara l-hin tal-gheluq, u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' licenzja tal-imsemmi hanut. Reg. 14 L.S. 10.09.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita', ghal perjodu ta' zmien illi tidhrilha xieraq skond it-termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' Amanda Cassar, rapprezentanta ta' Trade Licencing Unit, u ta' Dr. Daniel Cutajar, rapprezentant ta' Malta Tourism Authority.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati u ghalhekk qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat